MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2003

Numru. 615/2001

PULIZIJA
SPETTUR PIO PISANI
VS
ANDREW SPAGNOL

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Andrew Spagnol ta’ 37 sena, bin Emanuel, u Martha xebba Baldacchino imwieled Valletta nhar id-19 ta’ Marzu 1964 u joqghod Mickvic, flats nru 3, Triq Ganni Vella, Mosta, detentur tal-karta tal-identita bin-numru 0193764M talli f’dawn il-gzejjer, u cioe fl-ghassa tal-pulizija tal-Mosta, nhar is-6 t’Ottubru 2001 ghall-habta ta’ 03.40hrs, ingurja jew hedded lil PS667 Edgar Borg, persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu, jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dan is-servizz.

Talli fl-istess post, data, hin, u cirkostanzi attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b’hebb ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra PS667 Edgar Borg, persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku liema attakk huwa aggravat billi ha fuqu minn qabel arma (sikkina) bil-hsieb li jghin dak l-attakk jew resistenza u inqabad b’dik is-sikkina fuqu.

Talli f-istess post, data, hin u cirkostanzi bil-lejl, kiser il-mitrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat, billi qal fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indicenti, qal kliem jew espressjonijiet ta’ dagha, u ghamel atti jew gesti oxxeni.

Talli f’dawn il-gzejjer, u cioe fir-residenza tieghu u ta’ martu, Fiona Spagnol nhar is-6 ta’ Ottubru 2001 ghal habta ta’ 0300hrs hedded lil martu Fiona b’arma li taqta, u cioe sikkina.

Talli fl-istess data, hin u post u cirkostanzi garr fuqu sikkina, ta’ kull xoeta li tkun, b’xafra bil-ponta jew strument iehor bil-ponta, minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Tali fl-istess post, data, hin u cirkostanzi, ghad illi kien xurban, qal kliem oxxen, jew indicenti qal wkoll espressjonijiet ta’ dagha, ghamel atti jew gesti oxxeni.

Talli fl-istess post, data, hin u cirkostanzi bil-lejl, kiser il-mistrieh tan-nies, bi hsejjes jew ghajjat jew b’ mod iehor.

Talli fl-istess post, data, hin u cirkostanzi, bla ordni skond il-ligi ta’ l-awtorita kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti is-setgha lill-privat illi jarresta lil hati arresta, zamm jew issekwestra lil Fiona Spagnol kontra l-volonta taghha.

Talli fl-istess post, hin, data u cirksotanzi, ma obdiex l-ordinijiet legittimi ta’ PS667 Edgar Borg, persuna inkarigata minn servizz pubbliku.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat il-verbal tat-8 t'Ottubru 2001 fejn l-imputat ammetta ghall-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu l-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza  u wara li rat Art 95, 96, 97, 338(m), 338(bb), 342, 339, 86, 338(ee) tal-kap 9, Art 13 tal-kap 66 u Art  7 u 9 tal-kap 446 u ssib lill-imputati hati tal-ewel, it-tielet u l-hames akkuza bl-akkuzi l-ohrajn assorbiti u tqieghed lill-imputat taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' tmintax il-xahar bil-kondizzjoni li jsegwi programm (mhux residenzjali) ma Sedqa kontra l-alkohol.

Ghal dan il-ghan il-Qorti qed tinnomina lid-Direttur tal-probation services sabiex jinnomina probation officer ghall-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------